# Tagħrif ġdid dwar:
# IL-MISTERJUŻ GIULIO CASSARINO
# Il-Pittur tal-kwadru, "Il-Martirju ta' Santa Katarina"

**minn Dun Joe Abela B.A.(Hons.); Lic.D.; H.E.L.**

Ħadt pjaċir ħafna meta ġejt mistieden biex nikteb fil-ktejjeb li soltu tippubblika l-Banda Beland fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katarina. Malajr il-mistoqsija dwar x'suġġett kelli nagħżel daħlitli f'moħħi, peress illi l-għażla tas-suġġett ġiet imħollija f'idejja, iżda ma domtx wisq ma ddeċidejt. Ridt li mill-ewwel nevita nikteb affarijiet li min jaf kemm-il darba smajnihom jew qrajnihom dwar Santa Katarina u ż-Żejtun. Iżda, filwaqt li ma ridtx li l-kitba tiegħi tkun bla sugu, minn naħa l-oħra lanqas ma ridt li ndejjaq lill-qarrejja b'kitba tqila u xjentifika żżejjed. Għalhekk għażilt it-triq tan-nofs: li l-kitba tiegħi tkun serja, iżda mhux monotona.

### L-Għażla tas-Suġġett

Ftit ilu qrajt artiklu jismu "Caravaggio in Malta. His Works and Influence", ta' l-istudjuż ta' l-arti Dominic Cutajar fir-"Report and Accounts, 1986", tal-Mid-Med Bank Limited. Fis-sezzjoni fejn Cutajar jiddiskuti l-influenza tal-Caravaggio fuq pitturi oħrajn, l-awtur jagħti informazzjoni ġdida u interessanti ferm dwar Cassarino, il-pittur tal-kwadru tal-Martirju ta' Santa Katarina li jinsab fil-Mużew Parrokkjali tagħna taż-Żejtun. Jien ħsibt allura li jkun tajjeb li nikteb dwar Cassarino, b'riferenza speċjali għall-kwadru tiegħu fiż–Żejtun u għall-iskoperta magħmula dwaru mis-Sur Dominic Cutajar.

### Il-Kwadru

Nibdew l-ewwel billi ngħidu xi ħaġa dwar il-kwadru tagħna. Fis-sala prinċipali tal-Mużew Parrokkjali naraw kwadru kbir tal-Martirju tal-Padruna Tagħna li jokkupa l-aktar post prominenti tas-sala. Il-kbar fostna li kienu midħla tal-knisja jiftakru li fi ċkunithom dan il-kwadru kien imdendel fis-sagristija prinċipali tal-knisja. Iżda dan il-kwadru li, kif se naraw 'l quddiejm, hu antik ġmielu, mhux minn dejjem hemm kien. Fl-antik kien il-kwadru prinċipali fil-knisja ta' San Girgor, il-knisja parrokkjali 'l qadima, u probabilment ir-rapport tal-vista pastorali ta' l-Isqof Cagliares tal-1615 jagħmel riferenza għalih meta jsemmi l-kwadru li "kien impinġi dan l-aħħar". Dan il-kwadru hu interessanti ħafna, kemm mil-lat storiku u kemm minn dak artistiku.

### Interess storiku

Tneħħi xi eċċezzjoni żgħira, dan il-kwadru hu l-aktar wieħed antik li għandna fiż-Żejtun. Ġie mpinġi fis-sena 1614, jiġifieri bosta snin qabel inbniet il-knisja parrokkjali tagħna tal-lum. Ħallas għall-kwadru Fra Philippus de Castellit, li kien il-prefett tal-kavallerija tal-Gran Mastru Wignacourt, biex jissodisfa wegħda li kien għamel, u jfakkar ir-rebħa tal-kavallieri u l-Maltin, l-aktar taż-Żwieten, fuq il-pirati Torok, fl-Lulju ta' l-istess sena. Mappa ċkejkna fir-rokna t'isfel tal-kwadru turi l-preparazzjoni għal din it-taqtigħa. Jidhru sewwa ż-Żejtun, il-Port il-Kbir, is-swar tal-Belt Valletta, u saħansitra wkoll l-akwedott li ma kienx ilu li nbena. Fid-Daħliet ta' San Tumas u Wied-il-Għajn tidher il-flotta Torka, filwaqt li l-kurasara Torok jidhru resqin lejn iż-Żejtun. Kontra tagħhom resqin numru ta' Maltin u Kavallieri ppreparati għat-taqbida.

### Ir-rebħa tal-Maltin - 1614

Il-kumplament ta' l-istorja, li tinkludi r-rebħa ta' l-Insara, inkomplu naqrawh fir-Reġistru tal-Magħmudijiet, li jagħtina aktar dettalji. Naqraw li l-jum eżatt kien il-Ħadd, 6 ta' Lulju, 1614; li l-flotta Torka kienet tikkonsisti f'60 ġifen; li t-Torok beżgħu jinżlu M'Xlokk minħabba li t-torri ta' San Luċjan kien diġà mibni, filwaqt li ta' San Tumas inbena ftit wara dan l-attakk tat-Torok bħala konsegwenza tiegħu; li t-Torok niżżlu

Malta 6,000 ruħu n-naħa tal-Gżira, bejn ir-Ramla u Wied-il-Għajn; li kissru, ħarqu u serqu kull ma sabu quddiemhom; li rnexxielhom jaslu sa Buleben fejn ġew imwaqqfa mill-Maltin. Tilfu ħajjithom xi ftit Torok u oħrajn indarbu, iżda l-ebda Malti ma tilef ħajtu. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab imnaqqxa fuq il-pilastru ta' ħdejn l-altar il-maġġur fil-knisja ta' San Girgor stess, li f'dan l-attakk sofriet ħafna ħsara.

**Interċessjoni ta' Santa Katarina**

Jidher ċar minn dan il-kwadru li r-rebħa ta' l-Insara ġiet attribwita lill-interċessjoni ta' Santa Katarina. Fil-kwadru hi tidher diġà mmartirizzata, b'rasha maqtugħa ħdejn ġisimha bla ħajja. Il-bojja qiegħed idaħħal ix-xabla f'postha, filwaqt li fuq wara jidher grupp ta' nies aġitati jassistu għal din ix-xena kiefra. Fost dawn l-ispettaturi jidher kavallier armat; jista' jkun li hu Fra Philippus stess, id-donatur tal-kwadru.

**Valur artistiku**

Il-kwadru għandu wkoll il-valur artistiku tiegħu. Ċertament li hu l-opra l-aktar impressjonanti li għandna tal-pittur Giulio Cassarino. L-uċuħ, il-pjiegi ta' l-ilbiesi, u kwalitajiet oħra jindikaw li l-kwadru hu ta' Cassarino. Kull pittur ikollu l-istil individwali tiegħu, li minnu jingħaraf l-awtur, l-istess bħal kitba ta' min jikteb. Skond is-surmast Toussaints Busuttil fiż-Żejtun għandna wkoll ta' Cassarino il-kwadru ta' San Girgor Papa, fl-altar laterali fil-knisja ta' San Girgor.

**Influenza tal-Caravaggio**

F'dan il-kwadru tagħna tidher ħafna l-influenza tal-Caravaggio fuq Cassarino. Skond l-istoriku ta' l-arti Maltija Mario Buhagiar il-kwadru kien influenzat mir-rinomat "Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann il-Battista" fl-Oratorju ta' San Ġwann, il-Katidral, il-Belt Valletta. Dan ta' l-aħħar hu ikkonsidrat bħala l-kapolavur tal-famuż Caravaggio. Din l-influenza tidher fil-kuntrast bejn id-dawl u d-dellijiet, fis-sena ta' drama u fil-pożi tal-personaġġi. Fiż-żewġ kwadri naraw ukoll xebh fl-uċuh tal-bojja u fl-irjus tan-nisa mbeżżgħin mix-xena li għaliha qegħdin jassistu. Dr. Cauchi issuġġerixxa li Cassarino seta' għen lil Caravaggio fil-kwadru ta' Qtugħ Ras San Ġwann. Wiċċ Fra Philippus fil-kwadru tagħna jagħti lemħa kbira lil wiċċ il-Gran Mastru Alof de Wignacourt fil-kwadru tiegħu impinġi mill-Caravaggio u li llum jinsab fil-"Museè de Louvre", Pariġi.

**Xebh mal-kwadru, "Id-Difna ta' Santa Luċija**

Cassarino żgur li kellu f'moħħu il-kwadru artistiku tal-Caravaggio, "Id-Difna ta' Santa Luċija", li Caravaggio pinġa f'Sirakuża ftit wara li ħarab minn Malta. Iż-żewġ kwadri tant jixxiebħu bejniethom f'ħafna dettalji illi dan ix-xebh ma jistax jaħrab lill-osservatur. Fiż-żewġ kwadri għandna numru ta' bekkejja li qegħdin jiffullaw jassistu għal xena daqshekk kommoventi ta' qtil ta' tfajla fl-isbaħ età taż-żgħożija tagħha. Il-mara għarkubbtejha hi riprodotta fiż-żewġ kwadri, u l-ġisem taż-żewġ qaddisin, kemm ta' Santa Katarina u kemm ta' Santa Luċija, fit-tnejn hu stendut fl-art fl-istess pożizzjoni u bl-istess kxif. Jidher ċar li Cassarino tagħna tgħallem jimita sewwa lill-imgħallem tiegħu Caravaggio!

**Giulio Cassarino u Lionello Spada**

Is-Sur John A. Cauchi ippubblika artiklu interessanti ferm fil-"Melita Historica" taħt it-titlu "L-Enigmatico Cassarino". Jidher li dan il-pittur ilu jqajjem il-kurżitżà u l-interess ta' l-istudjużi tagħna! Fil-fatt xi kwadri tiegħu dari kienu attribwiti lil xi pitturi oħrajn, fosthom Lionello Spada, li llum bilkemm nafu fiċ-ċert jew ġiex Malta jew le. Hekk, per eżempju, il-kwadru "San Bastjan u n-Nisa Twajba", li qiegħed f'San Ġwann, il-Belt, li dari kienu jaħsbu li kien ta' Lionello Spada, illum aħna ċerti li hu ta' Cassarino, għaliex ġiet mikxufa l-firma tiegħu. Hekk ukoll kien hemm min attribwixxa l-kwadru tagħna ta' Santa Katarina lil Lionello Spada. Oħrajn xebbħu l-istil tal-kwadru mal-pittura ta' Mario Minnitti, pittur Sqalli li għadda xi żmien hawn Malta. Għall-bidu l-opri ta' Cassarino kienu marbuta mal-Manjeriżmu tardiv, iżda aktar 'l quddiem hu waqa' taħt l-influenza tal-kbir Caravaggio. Bħala padrun hu kellu lil Fra Pedro Urrea

Camarasa li pprovdih b'ħafna xogħol għall-knisja ta' San Ġwann, il-Belt. Skond Dr Cuachi kien hu l-awtur tar-ritratt ta' Wignacourt li jinsab fil-Mużew tal-Belle Arti, il-Belt.

**X'nafu ġdid dwar Cassarino?**

Kienu ilhom jidhru f'xi kwadri l-inizjali G.N.F.D.C. mingħajr ma konna nafu xi jfissru. Hekk f'kopji ta' San Ġerolmu tal-Caravaggio f'kollezzjonijiet privati u f'ritratt ta' Wignacourt fil-Mużew tar-Rabat. Is-Sur Dominic Cutajar reċentament irnexxielu jiddeċifra dawn l-inizjali u jispjegahom bħala firma ta' Cassarino. Cassarino miet fl-14 ta' Mejju, 1637, u fir-reġistru ismu oriġinali hu mniżżel bħala Giulio Felici. Allura G.N.F.D.C. jfissru "Giulio Nato Felici Detto Cassarino"! Probabilment ġie mlaqqam Cassarino għaliex kien ta' statura qasira. Jidher li ma kienx Sqalli kif ħafna qabel kienu jaħsbuh, fosthom jien stess, iżda Malti, imwieled Ħaż-Żebbuġ fil-31 ta' Diċembru, 1582, minn Duminku Felici u Giovanella Ferchauni, it-tnejn minn familji tal-bdiewa. Iżżewweġ darbtejn, u wara t-tieni żwieġ mar joqgħod il-Belt Valletta, fejn dam sa mewtu. Fis-sena 1610 kien diġà mlaqqam Cassarino.

Mela Cassarino kien Malti! U l-aqwa opra artistika ta' dawn wieħed mill-ewwel pitturi Maltin, għaliex qablu ftit li xejn kellna, tinsab għandna fiż-Żejtun. Tistagħġeb kemm aħna tqal biex napprezzaw il-preġju tat-teżori li għandna! Hu kwadru ieħor li qed jistenniena nieħdu aktar ħsiebu.

